**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 21 ta`Marzu 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 8/2019 JZM**

**John sive` Giovanni Depasquale (K.I. 490446M)**

***u***

**Joseph Depasquale (K.I. 739140)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-8 ta` Marzu 2019 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, intalab mill-Qorti sabiex *tikkonferma u tahtar* lil Herman Depasquale (K.I. 168068M) *bhala stralcjarju tas-socjeta` f`isem kollettiv Mayflower Property & Co (P1121) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

## II. **Konsiderazzjonijiet**

Is-socjeta` Mayflower Property & Co (P1121) kienet socjeta` *en nom collectif.*

Ix-xoljiment ta` socjeta` ta` din ix-xorta huwa regolat bl-**Art 35 tal-Kap 386.**

Kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors promotur, u konfermat mid-dokumenti li kienu prezentati in sostenn tal-istess, jirrizulta li s-socjeta` hija xjolta billi sehh dak previst mill-Art 35(e) tal-Kap 386.

Fl-istess waqt jirrizulta wkoll li ghalkemm is-socjeta` xoljiet ruhha ghar-raguni li tirrizulta fir-rikors promotur, li tinkwadra ruhha fid-disposizzjoni citata fil-paragrafu precedenti, baqa` ma nhatarx stralcjarju u allura ma gietx stralcjata.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti tirreferi ghad-decizjoni li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza : **Caruana et vs Debono et** : fejn inghad hekk :-

*"L-istralc hu dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci, jew mill-Qorti, biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in korso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta`, biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistghax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda; ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu. Ghaldaqstant, fil-likwidazzjoni tas-socjeta` ghandhom jigu komprizi biss l-operazzjonijiet li kienu ga bdew u kienu ghadhom in korso fid-data tax-xoljiment tas-socjeta` u gew terminati wara."*

Tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Mejju 1993 fil-kawza : **<u>Bondin vs Vella noe</u> :** fejn inghad illi :

> *" … wara … x-xoljiment l-iskop tas-socjeta` jinbidel u jittrasforma ruhu minn dak ta` prosegwiment ta` attivatijiet normali kummercjali ghal dak ta` realizzazzjoni ta` l-assi u hlas tal-passivita` u distribuzzjoni bejn is-socji ta` dak li jkun baqa` biex is-socjeta` tigi estinta.*
>
> *Tajjeb ukoll li jigi precizat illi l-funzjoni tal-likwidatur … huwa dak li inter alia jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta` (Vol XVI p.11 p. 69), jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonjijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv u jahseb gaht-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandhu jittiehed mis-socjeta` f` daqqa wahda jew b` rati skond kif l-attiv tas-socjeta` jippermetti."*
>
> …
>
> *sabiex jinbeda l-process ta` stralc, irid jinhatar stralcjarju li jkollu s-setghat inter alia li jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija, li jirrelata dwar il-gradwazzjoni tad-djun, li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi tal-kumpannija, li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija."*

Dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali jibqghu validi anke ghall-istat tad-dritt kif inhu llum.

Anke minhabba l-mod kif kienet xjolta s-socjeta` de qua, il-Qorti sejra tordna l-istralc u tahtar stralcjarju.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti sejra tipprovdi dwar**

**ir-rikors odjern billi –**

**1. Tordna l-istralc tas-socjeta` f`isem kollettiv "Mayflower Property & Co" (P1121) b`effett mil-lum.**

**2. Tahtar lil Herman Depasquale (K.I. 168068M) bhala stralcjarju tas-socjeta` f`isem kollettiv "Mayflower Property & Co" (P1121) bis-setghat, drittijiet u obbligi previsti mid-disposizzjonijiet tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**3. Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-proceddiment, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 3 ta` Ottubru 2019 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**